



Sentenza fil-Kawża T-677/20

Stampa u Informazzjoni

Ryanair u Laudamotion vs Il-Kummissjoni (Austrian Airlines - Covid-19)

Il-Qorti Ĝeneralni tikkonferma li l-għajnuna mogħtija mill-Awstrija lil Austrian Airlines sabiex tikkumpensaha għad-danni li jirriżultaw mill-kanċellazzjoni u mill-iskedar mill-ġdid tat-titjiriet tagħha minħabba l-pandemija tal-Covid-19 hija kompatibbi mas-suq intern

Din l-għajnuna, peress li tnaqqset mis-sussidji mogħtija, f'dan l-istess kuntest, mill-Ġermanja lill-grupp Lufthansa, li minnu tagħmel parti ukoll Austrian Airlines, ma tikkostitwixx kumpens żejjed favur dan il-grupp

F'Ġunju 2020, l-Awstrija kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea miżura ta' għajnuna individwali favur il-kumpannija tal-ajru Austrian Airlines AG (iktar 'il quddiem "AUA"). L-għajnuna kkomunikata, mogħtija fil-forma ta' self subordinat li jista' jiġi konvertit f'sussidju ta' EUR 150 miljun (iktar 'il quddiem il- "miżura inkwistjoni"), kienet intiża li tikkumpensa lil AUA għad-danni li jirriżultaw mill-kanċellazzjoni jew mill-iskedar mill-ġdid tat-titjiriet tagħha wara l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fil-qasam tal-ivvjaġġar u ta' miżuri oħra ta' konfinament fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19.

AUA tagħmel parti mill-grupp Lufthansa, li jitmexxa mill-kumpannija omm Deutsche Lufthansa AG (iktar 'il quddiem "DLH"). Bejn Marzu u Ġunju 2020, il-Kummissjoni kienet digħà approvat diversi miżuri ta' għajnuna favur impriżi tal-grupp Lufthansa, b'mod partikolari, 1) garanzija mill-Istat mill-Ġermanja ta' 80 % fuq self ta' EUR 3 biljuni lil DLH, mogħtija abbażi tal-iskema ta' għajnuna Ġermaniża stabbilita sabiex issostni lill-impriżi tal-oqsma ekonomiċi kollha li għandhom bżonn likwidità għall-attivitajiet tagħhom fil-Ġermanja (iktar 'il quddiem is- "self Ġermaniż")¹, 2) garanzija mill-Istat mill-Awstrija ta' 90 % fuq self ta' EUR 300 miljuni mogħti minn konsorzu ta' banek kummerċjali lil AUA, abbażi tal-iskema ta' għajnuna Awstrijaka intiża li ssostni l-ekonomija matul il-pandemija attwali tal-Covid-19 (iktar 'il quddiem is- "self Awstrijak")², u 3) għajnuna individwali ta' EUR 6 biljuni mogħtija mill-Ġermanja lil DLH. Din l-aħħar miżura ta' għajnuna kienet ġiet awtorizzata permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2020 (iktar 'il quddiem id- "deċiżjoni Lufthansa")³.

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li kienet madankollu kompatibbi mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) TFUE⁴ (iktar 'il quddiem id- "deċiżjoni kkontestata"). Skont din l-aħħar dispożizzjoni, għajnuna intiża li tirrimedja d-danni kkawżati minn diż-zaġġi naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra hija kompatibbi mas-suq intern.

Il-kumpanniji tal-ajru Ryanair u Laudamotion ippreżentaw rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, **li qed jiġi madankollu miċħud** mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ĝeneralni tippreċiżha l-applikazzjoni tal-

¹ Awtorizzata permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2020, SA.56714 (2020/N) – Il-Ġermanja – Miżuri Covid-19.

² Awtorizzata permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' April 2020, SA.56981 (2020/N) – L-Awstrija – Skema Awstrijaka ta' garanzija għal self tranżitorju skont il-Qafas temporanu tal-għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19, kif emmadata bid-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2020 SA.57520 (2020/N) Awstrija – Miżuri anti-kiżi Awstrija – COVID-19: Garanziji għall-impriżi l-kbar abbażi tal-Liġi dwar il-Garanzija tal-1977 minn Austria Wirtschaftsservice GmbH (AWS) – Emenda tal-iskema ta' għajnuna SA.56981 (2020/N).

³ Deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju 2020, SA.57153 (2020/N) - Il-Ġermanja – Covid-19 – Għajnuna lil Lufthansa.

⁴ Deċiżjoni C(2020) 4684 final dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57539 (2020/N) – L-Awstrija – Covid 19 - Għajnuna favur Austrian Airlines.

Artikolu 107(2)(b) TFUE għal għajjnuna individwali adottata sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19, meta din tkun taqa' fil-kuntest ta' sensiela ta' miżuri adottati favur beneficijarju tal-ġħajjnuna u l-grupp ta' impriżi li huwa jifforma parti minnu.⁵

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Insostenn tar-rikorsi għal annullament tagħhom, Ryanair u Laudamotion sostnew b'mod partikolari li l-Kummissjoni ma eżaminatx il-miżuri kollha ta' għajjnuna mogħtija lil kumpannji tal-grupp Lufthansa, u lanqas ma eżaminat ir-relazzjoni bejniethom.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonstata, qabelxejn, li l-Kummissjoni kienet ippreċiżat li l-miżura inkwistjoni kienet tagħmel parti minn pakkett finanzjarju favur AUA ta' ammont totali ta' EUR 600 miljuni, ikkostitwit, minbarra l-miżura inkwistjoni, minn kontribuzzjoni ta' EUR 150 miljun f'kapital proprio li joriġina mill-kumpannija omm DLH (iktar 'il quddiem l-“injezzjoni tal-kapital ta' DLH”), u mis-self Awstrijak ta' EUR 300 miljun. Il-Kummissjoni kienet, barra minn hekk, fakkret li, konformement mad-deċiżjoni Lufthansa tagħha, l-ġħajjnuna ta' EUR 6 biljuni mogħtija mill-Ġermanja lil DLH setgħet tintuża minn din tal-aħħar biex issostni l-kumpannji l-oħra tal-grupp Lufthansa li ma kellhomx diffikultajiet finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2019, inkluża AUA.

Il-Qorti Ġenerali tirrileva, sussegwentement, li, fid-deċiżjoni Lufthansa, adottata ġimħatejn qabel id-deċiżjoni kkontestata u li tikkostitwixxi element tal-kuntest li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet digħà qieset il-miżuri ta' għajjnuna kollha mogħtija lil kumpannji li jagħmlu parti mill-grupp Lufthansa, inkluż favur AUA, kif ukoll ir-relazzjoni bejniethom. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, fid-deċiżjoni Lufthansa, il-miżuri ta' għajjnuna addizzjonal kollha jew previsti favur kumpanniji tal-grupp kienu tqiesu li kienu limitati għall-minimu neċċessarju sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid l-istruttura tal-kapital tal-grupp Lufthansa u sabiex tiġi ggarantita l-vijabbiltà ta' dan tal-aħħar.

Il-Qorti Ġenerali tfakkar, barra minn hekk, li, peress li s-sostenn mogħti minn Stati oħra lill-kumpannji tal-grupp Lufthansa kien jitnaqqas, skont il-każ, jew mill-ammont tal-ġħajjnuna li huwa s-suġġett tad-deċiżjoni Lufthansa, jew mis-self Ġermaniż, il-Kummissjoni kienet eskludiet kwalunkwe riskju ta' kumpens żejjed fl-imsemmija deċiżjoni. Fil-fatt, skont mekkaniżmu ta' tnaqqis, applikabbli għall-miżuri kollha adottati favur l-imsemmi grupp, l-ġħajjnuna totali mogħtija mill-Ġermanja favur il-grupp Lufthansa kollu titnaqqas sal-ammont tal-ġħajjnuna mogħtija minn Stati oħra lil xi kumpannija oħra tal-imsemmi grupp, b'tali mod li l-ammont globali li minnu jibbenfika dan tal-aħħar jibqa' l-istess.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-injezzjoni tal-kapital ta' DLH, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li, għalkemm l-ammont tagħha kellu jiġi mill-ġħajjnuna li hija s-suġġett tad-deċiżjoni Lufthansa, dan tikkostitwixxi, fi kwalunkwe każ, għajjnuna digħà awtorizzata abbażi ta' din id-deċiżjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li, kuntrarjament għal dak li sostnew Ryanair u Laudamotion, **il-Kummissjoni mhux biss eżaminat il-miżuri ta' għajjnuna kollha mogħtija lil kumpannji tal-grupp Lufthansa, iżda eżaminat ukoll ir-relazzjoni bejniethom.**

Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' tnaqqis applikabbli għall-miżuri kollha adottati favur il-grupp Lufthansa, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi, barra minn hekk, li ma hemm l-ebda riskju konkret li l-miżura inkwistjoni, mogħtija lil AUA, tista' ukoll tibbenfika lil kumpanniji oħra tal-grupp Lufthansa.

⁵ Għandu jiġi nnotat li, fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' April 2021, Ryanair vs II-Kummissjoni (SAS, id-Danimarka; Covid-19), [T-378/20](#), Ryanair vs II-Kummissjoni (SAS, I-Isvezja; Covid-19), [T-379/20](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 52/21](#)) u tad-9 ta' Ġunju 2021, Ryanair vs II-Kummissjoni (Condor ; Covid-19), [T-665/20](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 98/21](#)), il-Qorti Ġenerali eżaminat l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE għal tliet miżuri ta' għajjnuna individwali distinti adottati sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19.

Il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll l-argument ibbażat fuq ir-riskju li AUA tista' tibbenefika minn sostenn min-naħħa ta' DLH li jmur lil hinn mill-injezzjoni tal-kapital ta' DLH. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tosserva, minn naħħa, li eventwali trasferiment ipotetiku ta' likwiditā addizzjonali min-naħħa ta' DLH favur AUA jkun joriġina fi kwalunkwe każ minn miżura ta' għajjnuna digħà approvata mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-għajjnuna awtorizzata mid-deċiżjoni Lufthansa. Hija tenfasizza, min-naħħa l-oħra, li s-self Ġermaniż u l-għajjnuna li hija s-suġġett tad-deċiżjoni Lufthansa huma bbażati fuq l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, b'tali mod li ma jkoprux l-istess spejjeż eliġibbli bħal dawk imsemmija fil-miżura inkwistjoni, li hija, min-naħħa tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 107(2)(b) TFUE. Fi kwalunkwe każ, il-mekkaniżmu ta' tnaqqis stabbilit jippermetti li jiġi evitat ukoll f'dan il-kuntest ir-riskju ta' kumpens żejjed.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li, sa fejn id-differenza fit-trattament stabbilita mill-miżura inkwistjoni bejn AUA u l-kumpanniji tal-ajru l-oħra li joperaw f'Awstrija tista' tiġi assimilata ma' diskriminazzjoni, din kienet iġġustifikata fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Fil-fatt, fid-dawl b'mod partikolari tar-rwol essenziali li għandha AUA għas-servizz bl-ajru fl-Awstrija, id-differenza fit-trattament favur tagħha hija xierqa sabiex jiġu rrimedjati d-danni li din il-kumpannija ġarrbet minħabba restrizzjonijiet fil-qasam tal-ivvjaġġar u ta' miżuri oħra ta' konfinament fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19 u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċċesarju sabiex jintlaħaq dan il-għan.

Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipji ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi u ta' libertà ta' stabbiliment, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma hijiex applikabbli bħala tali għall-qasam tat-trasport, li huwa suġġett għal sistema legali partikolari. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tiddikjara li, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma jistabbilixx kif in-natura eskuživa tal-miżura inkwistjoni hija tali li tiddisswadihom milli jistabbilixx ruħhom fl-Awstrija jew milli jipprovdu servizzi minn u lejn dan il-pajjiż.

Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni lanqas ma kienet wettqet żball fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-ghajjnuna, b'mod partikolari fil-kalkolu tad-dannu li kellu jiġi kkumpensat u tal-ammont tal-ghajjnuna. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tad-dannu li kellu jiġi kkumpensat, il-Kummissjoni kienet b'mod korrett ħadet inkunsiderazzjoni d-danni mġarrba f'perijodu preċedenti għall-immobilizzazzjoni tal-flotta ta' AUA, peress li dawn id-danni kienu ġew ikkawża minn kanċellazzjonijiet u skedar mill-ġdid tat-titjiriet imposti mill-Gvern Awstrijak. Il-Kummissjoni kienet, barra minn hekk, ikkalkolat b'mod korrett l-ispejjeż evitati li kellhom jiġu eskuži mill-evalwazzjoni tad-danni kkawża lil AUA mill-pandemja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tqis id-danni mġarrba minn kumpanniji tal-ajru oħra fil-kuntest tal-kalkolu tagħha ta' dan id-dannu. Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-kalkolu tal-ammont tal-ghajjnuna, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li l-Kummissjoni ma kinitx naqset milli tikkunsidra l-miżuri ta' għajjnuna kollha li setgħu jibbenefikaw lill-grupp Lufthansa waqt l-evalwazzjoni tagħha tal-proporzjonalità tal-miżura inkwistjoni.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors iku fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal l-kunċċa għidher minn tħalli.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106